# IL-FONDAZZJONI ARKA

**Dun Manuel Curmi**

Dar Arka tinsab tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-port tal-Imġarr. Infetħet uffiċjalment fit-3 ta' Diċembru 2000. Tipprovdi kenn u kura, mistrieħ u mħabba lil persuni b'diżabilità u lill-familjari tagħhom.

Din id-dar, li bl-Ingliż isibuha bħala *Respite Centre*, inbdiet bil-ħolma ta' qassis twajjeb u umli mill-parroċċa tagħna li ddedika ħajtu għas-sevizz tal-proxxmu, l-aktar tal-batuti u l-imwarrba. Qed



nirreferixxu għal Mons. Curmi, jew aħjar Dun Manuel kif dejjem isibu l-poplu. Is-sena l-oħra minn dawn il-paġni konna fraħnielu f'għeluq il-ħamsin anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Kien għadu Viċi-Parroku fil-parroċċa ta' San Ġorġ meta Dun Manuel beda jippjana biex jagħmel xi ħaġa b'riżq il-proxxmu batut. Huwa u jżur il-familji, intebaħ li kien hemm persuni b'diżabilità li minħabba l-biża' u t-tabù li kien jeżisti fostna, kienu jinżammu moħbija, wara bibien magħluqa. Kien bidu tqil. Bil-għajnuna ta' xi voluntiera, Dun Manuel beda joħroġhom mill-ħabi, b'hekk mhux biss iserraħ xi ftit lil tal-familja, imma wkoll beda jeduka lill-poplu biex jidra jaċċetta lil dawn il-persuni. Biż-żmien, l-isforzi ta' Dun Manuel taw riżultati mill-itjeb. L-Għaqda ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali nbidlet fil-Fondazzjoni Arka li saret forċina, spalla u tama, għal kull min jeħtieġ l-għajnuna tagħha. Qed igawdu minnha kuljum mhux biss l-Għawdxin, imma anki bosta Maltin u barranin.

Illum il-ġurnata, Dar Arka takkomoda fiha 32 klijent/a, f'19-il kamra tas-sodda, ħdax minnhom bil-kamra tal-banju magħhom. Xi wħud minn dawn il-klijenti qegħdin hemm fuq bażi permanenti. Iċ-ċentru jinsab mgħammar b'bosta faċilitajiet soffistikati, fosthom, Jacuzzi, żewġ *pools* imsaħħna, banjijiet terapewtiċi, *gym*, *multi-sensory studio, playing field*, ġnien u faċilitajiet oħra. It-timbru distintiv ta' dan iċ-ċentru huwa l-kura personali li tingħata b'għożża u mħabba lill-klijenti kollha; b'hekk dan iċ-ċentru nistgħu nsejħulu 'dar 'il bogħod mid-dar'.

Fost l-attivitajiet li l-Fondazzjoni ilha fuq tletin sena torganizza ta' min isemmi l-ħarġiet tal-Ħadd, darba kull ħmistax. Il-vannijiet tal-Fondazzjoni jiġbru l-mistednin f'Dar Arka għad-disgħa ta' filgħodu fejn joffrulhom kolazzjon u wara jeħduhom f'xi parroċċa jisimgħu quddiesa. Għal nofsinhar joffrulhom ikla ġeneralment f'Dar Arka stess. Wara l-ikla ssir ħarġa, li tieħu madwar tliet sigħat, ma' diversi nħawi tal-







għira, bit-tliet vannijiet misjuqa mill-voluntiera ta' Dar Arka. Iktar minn divertita, iktar minn ħarġa, din il-laqgħa bejn il-ħbieb toffri l-opportunità ta' iktar integrazzjoni; u hekk, lil dawn il-persuni b'diżabilità, itejbulhom ħajjithom. Wara kollox, huma wkoll għandhom id-dritt, bħalna u xejn inqas minna, li jgawdu l-ħajja, b'dak kollu li toffri.

Ta' kuljum, mar-radda tas-salib, Dar Arka teħtieġ mal-elfejn ewro biex titmexxa b'mod effiċjenti. F'sena din is-somma titla' għal seba' mija u tletin elf ewro. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-ispejjeż kbar jinbelgħu mill-pagi tal-ħaddiema u spejjeż kurrenti. Il-kumitat immexxi minn Dun Manuel dejjem jara x'joħloq biex jorganizza ġbir ta' fondi; mingħajr l-għajnuna tiegħi u tiegħek u ta' bosta qlub oħra ġenerużi, dan iċ-ċentru jista' jagħlaq. Teżisti wkoll skema ta' sħubija li permezz tagħha tingħata donazzjoni darba fis-sena, u hekk dak li jkun isir membru-sostenitur ta' dan iċ-ċentru. Jekk għadek m'intix membru, minn hawnhekk nitolbuk tkellem waħda lil Dun Manuel u tkun qed tagħmel l-isbaħ karità.

Taħt it-tmexxija għaqlija ta' Dun Manuel, u bl-għajnuna tal-Knisja lokali, tal-Gvern u ta' bosta voluntiera, nistgħu ngħidu li Dar Arka hija waħda mill-isbaħ ġawhriet li għandha d-djoċesi f'Għawdex. Dan qed ngħiduh bl-ikbar konvinzjoni l-għaliex fiha u permezz tagħha jinsab ipprattikat il-vanġelu bl-iktar mod ħaj. Dar Arka hija tabilħaqq opra qaddisa, monument mill-isbaħ ta' mħabba.

George N. Cassar